KULLEĠĠ SAN INJAZJU
Skola Sekondarja tal-Ħandaq, ĦAL QORMI
EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2014/2015

Rotta 1

It-Tielet Sena	**IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba)**	**Sagħtejn u kwart** *Jinkludi s-Smigħ*

Isem:_____ Klassi:_____

Għall-istudent/a:

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **L-ortografija, il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ideat u l-preżentazzjoni tajbin jgħinuk tikseb riżultati aħjar.**

Għall-għalliema:

IL-MARKI		
It-Taħdit	**10**	
Is-Smigħ	**10**	
Il-Qari u l-Kitba	**80**	
IT-TOTAL	**100**	

Kummenti:

_____

_____

_____

_____

TAQSIMA 1: FEHIM MILL-QARI **15-il marka**

Ktieb Żgħir b'Messaġġ Kbir

L-Alkemista, rumanz ta' Paolo Coelho, huwa ktieb qasir b'rakkont sempliċi li taqrah f'ġurnata jew jumejn. Madankollu, bosta nies jgħidu li dan il-ktieb biddlilhom ħajjithom. Alkemista huwa xjenzat li jipprova jifhem l-univers. (par.1)

Il-ġrajja titkellem dwar tfajjel Spanjol jismu Santiago, li kien iben familja fqira. Il-familja tiegħu xtaqitu jsir qassis, iżda Santiago xtaq jivvjaġġa u jara d-dinja. Missieru spjegalu kif f'dawk l-inħawi r-rgħajja biss kienu jivvjaġġaw. Għalhekk Santiago **<u>qatagħha</u>** li jsir ragħaj. Missieru tah xi flus u qallu biex bihom jixtri n-nagħaġ. (par. 2)

Lejl minnhom Santiago u n-nagħaġ tiegħu kienu reqdin madwar siġra, ħdejn knisja abbandunata, meta reġa' ħolom ħolma li kien qed joħlom ta' spiss. Fil-ħolma huwa jsib teżor, imma dan **<u>ma jsibux</u>** fi Spanja iżda maġenb il-Piramidi tal-Eġittu. (par. 3)

Santiago jbiegħ in-nagħaġ u jerħilha għall-Afrika ta' Fuq, fejn jitlef il-flus kollha li kien ġab mill-bejgħ tan-nagħaġ! Minn hawn tibda avventura li twassal lil Santiago sal-Piramidi. Kif jgħid il-Malti, ***<u>fl-aħħar tal-mazzita ssib iż-żbiba</u>.*** Imma tgħid isibu t-teżor? (par. 4)

L-Alkemista llum insibuh maqlub għall-Malti minn Steve Borg. Dan il-ktieb ċkejken huwa wieħed mill-aktar kotba li nbiegħu fid-dinja. (par. 5)

A. MISTOQSIJIET 10 marki

L-Alkemista, rumanz ta' Paolo Coelho, huwa ktieb qasir b'rakkont sempliċi li taqrah f'ġurnata jew jumejn. Madankollu, bosta nies jgħidu li dan il-ktieb biddlilhom ħajjithom. Alkemista huwa xjenzat li jipprova jifhem l-univers. (par.1)

Il-ġrajja titkellem dwar tfajjel Spanjol jismu Santiago, li kien iben familja fqira. Il-familja tiegħu xtaqitu jsir qassis, iżda Santiago xtaq jivvjaġġa u jara d-dinja. Missieru spjegalu kif f'dawk l-inħawi r-rgħajja biss kienu jivvjaġġaw. Għalhekk Santiago qatagħha li jsir ragħaj. Missieru tah xi flus u qallu biex bihom jixtri n-nagħaġ. (par. 2)

1. Min hu l-awtur tal-ktieb 'L-Alkemista'? (par. 1)

_____(marka)

2. Agħżel it-tajba: (3 marki)

   i. **Alkemista** huwa xjentist li jipprova jfittex fuq **(l-alka, l-univers).**

   ii. L-istorja titkellem fuq Santiago, tfajjel Spanjol **(li xtaq jitgħallem jaqra, li xtaq jara d-dinja).**

   iii. Il-ġenituri tiegħu xtaquh isir **(qassis, ragħaj).**

Lejl minnhom Santiago u n-nagħaġ tiegħu kienu reqdin madwar siġra, ħdejn knisja abbandunata, meta reġa' ħolom ħolma li kien qed joħlom ta' spiss. Fil-ħolma huwa jsib teżor, imma dan ma jsibux fi Spanja iżda maġenb il-Piramidi tal-Eġittu. (par. 3)

Santiago jbiegħ in-nagħaġ u jerħilha għall-Afrika ta' Fuq, fejn jitlef il-flus kollha li kien ġab mill-bejgħ tan-nagħaġ! Minn hawn tibda avventura li twassal lil Santiago sal-Piramidi. Kif jgħid il-Malti, fl-aħħar tal-mazzita ssib iż-żbiba. Imma tgħid isibu t-teżor? (par. 4)

L-Alkemista llum insibuh maqlub għall-Malti minn Steve Borg. Dan il-ktieb ċkejken huwa wieħed mill-aktar kotba li nbiegħu fid-dinja. (par. 5)

3. X'tilef Santiago meta wasal l-Afrika?

_____(2 marki)

4. Mis-silta sib il-kelma li tonqos: (4 marki)

   i. Santiago kien spiss joħlom li huwa jsib t_____. (par. 3)

   ii. Biex jagħmel dan ma riedx jibqa' Spanja imma jmur l-E_____. (par. 3)

   iii. Fl-Afrika ta' Fuq huwa t_____ il-flus kollha. (par.4)

   iv. Dan il-ktejjeb hu fost l-aktar li n_____ fid-dinja. (par. 5)

B. GĦARFIEN IL-LINGWA 5 marki

1. Sib kelma minn paragrafu 1 li tfisser **ħafna** _____.

2. ***Għalhekk Santiago <u>qatagħha</u> li jsir ragħaj.*** (par. 2)

   Agħti kelma oħra minflok **qatagħha**: _____.

3. Liema kelma minn paragrafu 3 turina li ma kienx hemm nies maġenb il-knisja? _____.

4. ***...imma dan <u>ma jsibux</u> fi Spanja iżda maġenb il-Piramidi tal-Eġittu.*** (par. 3)

   Għal xiex qed tirreferi l-fraži **<u>ma jsibux</u>** f'din is-sentenza? _____.

5. Spjega l-qawl: **<u>fl-aħħar tal-mazzita ssib iż-żbiba</u>** f'paragrafu 4.

   _____

TAQSIMA 2: IL-GRAMMATIKA 10 marki

*M*eta kont il-Kenja, lis-sorijiet għedtilhom biex noħorġu nimxu. Għamilna hekk għax jumejn qabel, waqt li konna mixjin, kien ġie tifel ta' xi 12–il sena jibki għax ommu tatu 20 xelin biex jixtri xi ħaġa 'l missieru. Sakemm wasal il-ħanut tilifha jew serqulu l-flus mill-but. Meta mar id-dar ommu għajtet miegħu u qaltlu biex imur ifittixha. Meta wasal ħdejna kien diġà fittixha u ma sabhiex. B'qalbu maqsuma qalilna: "Għinuni billi tħaddmuni l-għalqa, u nerġa' nġib lura l-flus li tlift."

Addattament minn *Jiemi l-Kenja* (Vol.1) ta' Emma Camilleri



1. Ikteb in-numru fi kliem: _____ (12) –il sena.

2. Ikteb in-numru fi kliem: _____(20) xelin.

3. Il-verb **ħareġ** minn *noħorġu* hu (fl-ewwel, fit-tieni, fil-ħames) forma.

4. Il-verb **fittex** minn *fittixha* hu (fl-ewwel, fit-tieni, fil-ħames) forma.

5. Ikteb l-Għerq ta' *serqulu* _____.

6. Aqta' linja taħt il-verb li qiegħed fit-**tieni forma**: (wassal, twassal, wasal).

7. Il-kelma **maqsuma** hi fil-Partiċipju (Attiv, Passiv).

8. Il-kelma **mixjin** hi fil-Partiċipju (Attiv, Passiv).

9. Il-kelma **tilef** fil-Pariċipju Attiv hi (tellief, mitluf).

10. Il-kelma **sab** fil-Partiċipju Passiv hi (sabha, misjub).

TAQSIMA 3: IL-ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV — 5 marki

Agħżel waħda minn (a) jew (b) u ikteb 50 kelma.

Tista' tuża l-għajnuniet mogħtija.

a) Il-kuġin għadu kif ġie mill-Awstralja għall-vaganzi tal-Milied. **Iddeskrivilu** kif niċċelebraw din il-festa f'Malta.

GĦAJNUNIET: *Presepju, tingabar il-familja, festin, għana u ikel tradizzjonali: l-imbuljuta, il-qagħaq tal-għasel...*

JEW

b) Kellek kelb li ħadtu mixja iżda ħarablek. Ikteb **AVVIŻ** għall-ġurnali biex kemm jista' jkun jinstab malajr.

GĦAJNUNIET: *Isem il-kelb, kulur, daqs, għotja ta' flus, fejn ħarab...*

_____

_____

_____

_____

_____

TAQSIMA 4: IL-POEŻIJA 20 marka

A. REFERENZA GĦALL-KUNTEST 10 marki

Aqra sewwa din l-istrofa minn poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

"Iżda
hu għandu ommu d-dar
u għalkemm gazzetti ma tixtrix
u ma taqrax,
għax ma tarax,
għalih hi kollox
u biha id-dinja ma taqax."

1. Din il poeżija jisimha **Il-**_____ **tal-Gazzetti** u kitibha **Ġorġ** _____ . (2marki)

2. Min hija l-aktar persuna importanti għal dan il-bniedem? _____. (marka)

3. Agħti żewġ eżempji ta' verbi fin-negattiv minn din l-istrofa stess:

   ma _____ u **ma** _____ . (2 marki)

4. Ladarba l-ebda vers ma jżomm daqs partikolari ngħidu li l-poeżija tuża l-vers **ħ**_____. Ir-rima hija _____. (2 marki)

5. Fil-qosor nistgħu ngħidu li l-poeżija titkellem fuq l-ironija li għalkemm omm il-bejjiegħ la **t**_____ u lanqas **t**_____ , hi l-aktar bniedma _____għalih. (3 marka)

B. MISTOQSIJIET OĦRA 10 marki

1a. Fil-poeżija **Pitirross**, meta jerġa' jiġi l-pitirross biex *iġedded ħmuret sidru bil-qtar tad-demm divin*?

_____(marka)

b. Il-qtar huwa tal-Imsallab. Min hu l-Imsallab?

_____(marka)

2a. Fi strofa partikolari lejn l-aħħar tal-poeżija **Waħdi**, il-Poeta Nazzjonali **Dun** _____ isemmi għal erba' darbiet lil xi ħadd għal qalbu. Lil min isemmi?

_____ (2 marka)

b. Semmi tifkira oħra ta' Dun Karm f'din l-istess poeżija.

_____(marka)

ċ. Fejn kien qiegħed il-Poeta Nazzjonali meta kiteb il-poeżija **Waħdi**?

_____(marka)

3a. Hemm poeżija oħra jisimha **Waħdi** minbarra dik li kiteb il-Poeta Nazzjonali. Din kitibha **Rużar** _____ . Fiha, il-poeta jgħid li hu l-Poeta taż-_____ u l-Poeta tas-_____ . (3 marki)

b. Dan il-poeta jgħid li fi tfulitu **(kien imdawwar bl-għeżież tiegħu ; ma kien hemm ħadd min jagħtih parir)**. (marka)

TAQSIMA 5: ***Stejjer għal qabel jidlam*** **– Oliver Friggieri** **10 marki**

A. Eżerċizzju dwar L-EWWEL TELEFONATA **5 marki**

Imla l-vojt bil-kliem li hemm isfel:

Iż-żewġ anzjani protagonisti ta' din l-istorja jisimhom _____ u _____. Il-mara anzjana kienet ta' spiss tissuġġerixxi lil żewġha biex jagġornaw ruħhom maż-_____, iżda hu kien dejjem jirreżisti l-avvanzi ____ _____. Hija pproponiet li jixtru xi invenzjonijiet bħal _____ u _____. Wara xi żmien, l-anzjani ddeċidew li jdaħħlu t-_____ minħabba li kienu xjaħu u setgħu jiġu bżonn ta' xi _____ minn ħin għall-ieħor. Wara li bdew jirċievu ħafna _____ li ma kinux għalihom, iddeċidew li jaqilgħu t-telefon għax irrealizzaw li ħadd ma kien _____ li jċemplilhom.

interessat – teknoloġiċi - Filomena – kuker - Kostanzu – telefonati – televixin – tabib – telefon - żmien

B. Agħżel storja **WAĦDA** minn **A, B, Ċ jew D**. **5 marki**

A. <u>It-Tifel tal-Baħar</u>

<u>Veru jew Falz?</u> (2 marki u nofs)

1. It-tifel tal-baħar kien jismu Bertu. Veru / Falz
2. Biex jaqla' l-flus għall-familja kien jgħin lill-barklori fix-xatt. Veru / Falz
3. Talli kien jgħinhom, huma kienu jagħtuh għaxar ċenteżmi. Veru / Falz
4. Fix-xitwa, it-tifel kien ibati biex jaqla' l-flus għax il-baħrin ma kinux jinżlu l-art. Veru / Falz
5. It-tifel kien jagħti l-flus kollha lil missieru. Veru / Falz

<u>Agħżel it-tajba</u> (2 marki u nofs)

1. Lejla minnhom, it-tifel dam barra għax
   (a) qagħad jilgħab ma' sħabu
   (b) ma kienx qala' flus u baqa' jittama li jsib lil xi barklor biex jgħinu
   (ċ) ħassu ħażin u spiċċa mixħut mal-art

2. Ommu bdiet tinkwieta u
   (a) ħarġet tfittxu
   (b) ċemplet lil missieru
   (ċ) ċemplet lill-Pulizija

3. Meta t-tifel reġa' lura d-dar sab lil
   (a) ommu
   (b) missieru
   (ċ) oħtu

4. Oħtu kienet tibża'
   (a) tibqa' d-dar waħedha
   (b) mid-dlam
   (ċ) minn missierha

5. It-tifel ta l-ftit flus li kien qala' dakinhar lil ommu u hi
   (a) rrabjat bil-kbir
   (b) xorta ħadet gost u bisitu fuq moħħu
   (ċ) talbitu jmur jaqla' ftit aktar flus

B. <u>Meta Dħalt fl-Isqaq</u>

<u>Veru jew Falz</u>: (2 marki u nofs)

1. In-narratur ħa gost bil-vjaġġ fuq ix-xarabank mill-Belt sar-raħal. Veru / Falz
2. Il-kunduttur kien daqsxejn ta' tfajjel. Veru / Falz
3. Fuq ix-xarabank tela' raġel bil-krozzi. Veru / Falz
4. Ma kien hemm l-ebda passiġġier fuq ix-xarabank. Veru / Falz
5. In-narratur mexa wara r-raġel tal-krozzi. Veru / Falz

<u>Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba</u>: (2 marki u nofs)

1. Ir-raġel tal-krozzi kien joqgħod ġo (sqaq, villa, kastell).
2. In-narratur staqsa lir-raġel tal-krozzi jekk kienx jaf lil xi ħadd jismu (Anton, Efrem, Albert) Buħaġar.
3. Ir-raġel tal-krozzi staqsa għal din l-informazzjoni lil (martu, oħtu, bintu).
4. Fil-kamra kien hemm ukoll (kelb, għasfur, qattus) li seraq l-attenzjoni tan-narratur.
5. It-tfajla, li spiċċa żżewweġ in-narratur, kien jisimha (Marta, Marija, Marlene).

Ċ. Sold għall-Ħamiem, Sinjur!

Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxxa t'isfel.

Il-karattru ewlieni ta' din is-silta huwa _____, raġel imdaħħal fiż-żmien li kien dejjem _____. Ta' kuljum kien imur fil-_____jittallab il-flus biex ikun jista' jitma' l-_____. Hu kien jgħix waħdu u ma kellux _____. L-uniku ħabib tiegħu kien _____, kelb komuni li kien iħobbu daqs l-akbar ħabib. Meta Vestru ddaħħal l-i_____ ma setax idaħħal il-kelb miegħu. Ftit jiem wara, Vestru _____ u Fefu ma setax jifhem għala sidu li kien tant iħobb kien _____. Il-ħamiem tal-Belt kien hemm bħas-_____. (5 marki)

abbandunah – miet - pjazza – sptar - ħbieb – Vestru - Fefu - soltu - waħdu - ħamiem

D. Ir-Raġel tal-Klieb

Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxxa t'isfel.

Din l-istorja tibda b'_____ bejn ir-raġel tal-klieb u martu. Il-koppja qatt ma kellhom _____ u għalhekk ir-raġel kien isib il-wens fil-klieb li kien jiġbor mit-_____. Hija ta' spiss kienet _____ u tgħidlu li kelb wieħed huwa _____. Għadda ż-żmien u l-mara _____. Sabiex jimla l-vojt li kienet ħalliet warajha, ir-raġel beda jiġbor aktar _____ mit-toroq. Il-ġirien kienu jitħassruh u kienu jagħtuh xi _____ għall-klieb. Meta dawn raw li r-raġel tal-klieb ma kienx qed joħroġ mid-dar għamlu _____ lill-_____. Is-surġent sab lir-raġel mejjet bil-klieb imdawrin miegħu. (5 marki)

ikel - tfal – rapport - mietet - tgerger - argument – Pulizija – triq – biżżejjed - klieb

TAQSIMA 6: IL-KOMPONIMENT 20 marka

Agħżel titlu wieħed u ikteb madwar 120 kelma/10 sentenzi dwaru.

1. **Ġurnata fil-kampanja.**

   Tista' tikteb fuq xi ġurnata li qattajt fil-kampanja. Fejn mort? Ma' min kont u x'qgħadt tagħmel?

2. **Kif inqatta' l-ħin liberu tiegħi.**

   Tista' tikteb fuq xi passatempi li għandek. Meta jkollok ħin liberu? Fejn tqattgħu l-ħin liberu tiegħek?

3. **Il-vantaġġi u l-iżvantaġġ li int, bħala student/a, tilbes l-uniformi.**

   X'tip ta' uniformijiet jeżistu? Għalfejn l-uniformi hija ta' vantaġġ? Semmi aspetti negattivi tal-uniformi.

4. **L-annimali fiċ-ċirku.**

   L-annimali jinħaqru f'ċirku? Għalfejn kulħadd jeħodha bi kbira meta jiġi ċirku bl-annimali? L-annimali għandhom dritt għal-libertà? Li kieku kellek toħroġ liġi, tippermetti li jiġi ċirku bl-annimali f'Malta?

In-numru tal-komponiment li għażilt: ☐

Spazju biex tagħmel il-pjan tal-kitba tiegħek. (Ma jingħatawx marki għall-pjan.)